MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tas-16 ta' Diċembru, 2020

Appell Inferjuri Numru 63/2013/1 LM

**Carmelo Borg Bonaci (K.I. Numru 431041M), Salvatore Borg Bonaci (K.I. Numru 4044M), Elia Borg Bonaci (K.I. Numru 543846M), (K.I. Numru 0540149M), Francis Borg Bonaci (K.I. Numru 1053848M), u Gaetano Borg Bonaci (K.I. Numru 856053M), u wara l-mewt ta' Elia Borg Bonaci b'digriet tal-11 ta' Settembru, 2020 l-atti tal-kawża ġew trasfużi f'isem Margaret Borg Bonaci (K.I. Numru 0540149M)**

*("l-appellanti")*

***vs*.**

**Joseph Filletti (K.I. Numru 236036M)**
*("l-appellat")*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrenti **Carmelo Borg Bonaci (K.I. Numru 431041M), Salvatore Borg Bonaci (K.I. Numru 4044M), Elia Borg Bonaci (K.I. Numru 543846M), Francis Borg Bonaci (K.I. Numru 1053848M)** u **Gaetano Borg Bonaci (K.I. Numru 856053M),** u wara l-mewt ta' Elia Borg Bonaci, b'digriet tal-11 ta' Settembru, 2020, l-atti tal-kawża ġew trasfużi f'isem **Margaret Borg Bonaci (K.I. Numru 0540149M)**, [minn issa 'l quddiem "l-appellanti"], mis-sentenza mogħtija fit-28 ta' Frar, 2020, [minn issa 'l quddiem "is-sentenza appellata"] mill-Bord li Jirregola l-Kera [minn issa 'l quddiem "il-Bord"] li permezz tagħha ċaħad it-talbiet tagħhom fil-konfront tal-intimat **Joseph Filletti (K.I. Numru 236036M)**, bl-ispejjeż kontrihom.

## Fatti

2. Il-fatti tal-appell odjern jirrigwardaw il-kirja tal-fond numru wieħed (1), Elia, GGE, Triq Reġjonali, Santa Venera, [minn issa 'l quddiem "il-fond"] lill-appellat mill-appellanti, bil-kera annwali ta' €675.51. Din il-kirja kienet oriġinarjament saret minn missier l-appellanti lill-imsemmi appellat, aktar minn erbgħin sena ilu, fejn l-użu tal-fond kien miftiehem bħala *store* għall-ħażna ta' merkanzija ta' ħwejjeġ li l-appellat kien jimporta minn barra, għall-bejgħ eventwali mill-ħanut li huwa kien jiġġestixxi fil-fond numru 676, Triq il-Kbira San Ġużepp, il-Ħamrun.

## Mertu

3. L-appellanti intavolaw proċeduri quddiem il-Bord permezz tal-preżentata ta' rikors fis-6 ta' Ġunju, 2013, fejn filwaqt li ppremettew li l-appellat ma kienx

jagħmel aktar użu mill-fond bħala *store,* iżda kien qed jagħmel użu divers minnu billi jużah bħal garaxx għal vetturi privati, talbu lill-Bord sabiex jawtorizzahom ma jġeddux il-kirja favur l-appellat u jordnalu sabiex jiżgombra mill-fond inkwistjoni fi żmien qasir u perentorju kif jiġi prefiss.

4. L-appellat eċċepixxa li t-talbiet tal-appellanti kienu infondati fil-fatt u fid-dritt għaliex il-fond dejjem baqa' jintuża bħala *store* għall-użu tan-negozju tiegħu.

## Is-Sentenza Appellata

5. Il-Bord wasal għas-sentenza appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

> ***"Konsiderazzjonijiet tal-Bord***
>
> *Illi minn naħa l-waħda r-rikorrenti qegħdin jitolbu r-ripresa tal-garaxx mikri bħala maħżen lill-intimat għax allegatament l-intimat mhux qiegħed juża l-fond għall-iskop li għalih kien ġie mikri.*
>
> *L-intimat eċċepixxa li t-talbiet rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-fond in kwestjoni dejjem baqa' wżat bħala* store *għan-negozju tal-istess intimat u għalhekk jista' jibqa' juża l-istess fond kummerċjali ai termini tal-Artikolu 1531(1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta sal-31 ta' Mejju, 2028 jew skont liġijiet viġenti oħra jekk ikun il-każ.*
>
> *Mhux ikkontestat u di fatti irriżulta fiċ-ċert li l-iskop għaliex dan il-garaxx oriġinarjament inkera minn missier ir-rikorrenti lill-intimat kien għal użu bħala* store *sabiex l-intimat iżomm merkanzija ta' ħwejjeġ relatat man-negozju tiegħu qabel ma irtira.*
>
> *Illi dawk li huma l-karatteristiċi ta'* store *ġew stabbiliti mill-Qrati tagħna senjatament fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet* ***Wallace u Doris miżżewġin Micallef et vs Carmelo u Grace miżżewġin Degiorgio*** *tat-28 ta' April, 2004 fejn ġie ritenut:*

"store għandu karatteristiċ distinti minn dawk ta' hanut veru u proprju, u li allura fil-każ ta' store jista' jigi kondott negozju minnu anke jekk ma jkunx miftuħ għal klijentala. Tfakkar però illi kif jinsab enunċajt fis-sentenza a Vol. XLII pl p312, "jekk jirriżulta li l-fond mikri bħala *store* naqas għal żmien indefinit li jiġi użat bħala tali dan il-fatt jekk ma jkunx hemm xi ġustifikazzjoni fiċ-ċirkostanzi speċjali tal-każ, jammonta għal tibdil fid-destinazzjoni tal-fond; għax biex fond ikollu u jibqa' jgawdi l-protezzjoni speċjali li l-liġi tagħti lill-'ħanut' jeħtieġ li jkun u jibqa' użat bħala tali."

*Fir-rigward tal-punt ta'* non uso *ikun opportun li ssir referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet* ***Anna Galea pro et noe vs Agricultural Co-Operative Limited*** *tal-24 ta' Mejju, 2006, fejn ġie ritenut illi:*

*"*... tajjeb li jiġi hawn ribadit dak drabi oħra mtenni, u ċjoe, li "hawn si tratta ta' kirja ta' maħżen fejn kull ma jeħtieġ li jiġi pruvat hu l-fatt illi l-inkwilin kien u baqa' jutilizza, u dan mhux kapriċċjożament jew taparsi, il-fond għad-destinazzjoni unika tiegħu biex fih tiġi mqegħda merkanzija tan-negozju. In-non usu f'dan il-każ kellu allura jiġi provat fi grad wisq ogħla minn dak meħtieġ fil-każ ta' ħanut" ("Ludgarda Gatt et -vs Pauline Cassar", Appell, 28 ta' Ġunju 2001). Trattandosi ta' maħżen hu ferm loġiku li l-attività kondotta fih tinsorġi meta l-bżonn hekk jirrikjedi. Ara "Maria Antonia Buhagiar -vs- Eric Mizzi", Appell, 27 ta' Marzu 1972".

*Ir-rikorrenti fuq il-premessa li l-garaxx mhux qiegħed jintuża għall-iskop li għalih ġie mikri straħu maġġorment fuq ix-xhieda ta' Elia Borg Bonaci iben ir-rikorrenti Elia Borg Bonaci li jirrisjedi fil-fond sovrapost għall-garaxx li kien huwa stess li spjega, "*illum il-ġurnata ilu ma jinfetaħ il-garaxx, imma dak iż-żmien li għamilt l-affidavit kien qed ikun hemm ftit kaxxi u karozzi ipparkjati ukoll. (fn. 24 A folio 9 tal-process)". Illi din ix-xhieda biss ma hiex biżżejjed sabiex issostni t-talba tar-rikorrenti stante illi din ġiet ukoll kategorikament miċħuda, kontestata u kontradetta mill-intimat u minn ibnu.

Skont l-insenjament tal-Qrati tagħna jinkombi fuq ir-rikorrenti jipprovaw li l-maħżen m'għadux qiegħed jintuża skont id-destinazzjoni tiegħu u dan dejjem skont il-prinċipju, *"ei incumbit probatio qui dicit non ei qui negat".*

*Mill-provi li inġabu mir-rikorrenti jermerġu biss allegazzjoni ta' użu divers da parti tal-intimat fir-rigward tal-garaxx in kwestjoni li ma hi sostenuta bl-ebda prova konvinċenti."*

**L-Appell**

6. L-appellanti ippreżentaw ir-rikors tal-appell tagħhom fis-6 ta' Marzu, 2020, fejn talbu lil din il-Qorti sabiex tirrevoka s-sentenza appellata billi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-appellat u tilqa' t-talbiet kollha tagħhom, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontrih ukoll. Huma jissottomettu li jħossu ruħhom aggravati mis-sentenza appellata, kemm fir-rigward tal-konsiderazzjonijiet magħmula dwar l-ewwel kawżali ta' bdil ta' destinazzjoni tal-fond minħabba *non uso,* u anki dwar it-tieni kawżali ta' użu divers peress li l-fond jintuża bħala garaxx għal karozzi privati.

**Ir-Risposta tal-Appell**

7. L-appellat wieġeb fl-4 ta' Mejju, 2020, fejn qed jissottometti li l-aggravji mressqa mill-appellanti huma infondati fil-fatt u fid-dritt għal dawk ir-raġunijiet li jispjega fit-tweġiba tiegħu, u għalhekk jitlob sabiex is-sentenza appellata tiġi kkonfermata.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

8. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mill-appellanti, flimkien mas-sottomissjonijiet magħmula mill-appellat fit-tweġiba tiegħu, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Bord fis-sentenza appellata.

*L-ewwel aggravju:* *bdil ta' destinazzjoni tal-fond minħabba* non uso

9. Filwaqt li jissottomettu li m'hemm l-ebda kontestazzjoni mill-partijiet dwar l-iskop li għalih inkera l-fond, l-appellanti jagħmlu riferiment għax-xhieda tal-appellat mogħtija fis-seduta tal-21 ta' Marzu, 2016 fejn ammetta li huwa kien irtira min-negozju tiegħu aktar minn ħames snin qabel u għalhekk ma kienx għadu jibgħat id-denunzji tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud lid-Dipartiment. Jirrilevaw ukoll li l-appellat ammetta li l-uniku vettura li huwa għandu llum kienet tat-tip *Mercedes* u għalhekk jissottomettu li jirriżulta li l-vann li kien juża għax-xogħol m'għadux għandu. Imbagħad ir-rappreżentant tat-*Trade Licensing Unit* xehed li l-appellat ma kienx għadu jiġġestixxi l-ħanut fl-indirizz 676, Triq il-Kbira San Gużepp, Ħamrun, u ma kien hemm l-ebda liċenżja fuq ismu, filwaqt li l-appellat stess ammetta li huwa kien ilu li rtira min-negozju iżjed minn ħames snin qabel u saħansitra ma kellu l-ebda liċenzja sabiex jeżerċita xi forma ta' negozju. Iben l-appellat Carmel Filletti, ukoll xehed li missieru u hu ma kinux għadhom fin-negozju. Flimkien ma' missieru xehdu li kulma kien għad baqa' fil-fond kienu xi kaxxi tal-ħwejjeġ li ma kinux biegħu. Fir-risposta tiegħu l-appellat jirrileva li fil-fond huwa kellu maħżun l-armar tal-ħwienet. Elia Borg Bonaci, iben wieħed mill-appellanti, li joqgħod fuq il-fond inkwistjoni, xehed li kien jara l-fond dejjem magħluq u ma kienx jara ebda attività kummerċjali għal xi żmien, tant hu hekk li saħansitra kien iħalli l-vettura tiegħu quddiem il-bieb tal-fond. L-appellanti jissottomettu li l-Bord wasal għall-konklużjoni li huma ma kienx irnexxielhom jippruvaw b'mod konvinċenti li sar użu divers mill-fond għaliex straħ fuq ix-xhieda ta' Elia Borg Bonaci. Iżda huma min-naħa tagħhom ipproduċew l-aqwa prova, l-ammissjoni tal-appellat. Dan kollu filwaqt li l-

appellanti għamlu riferiment għall-ġurisprudenza tal-Qrati in sostenn tal-pożizzjoni tagħhom.

10. L-appellat jgħid li l-appell odjern kellu jiġi miċħud għaliex l-appellanti qegħdin jitolbu lil din il-Qorti sabiex terġa' tagħmel apprezzament tal-provi mill-ġdid, u dan ma kienx kompitu tagħha. Dwar il-mertu, isostni li l-Bord kien korrett fid-deċiżjoni tiegħu għaliex l-appellanti naqsu milli jressqu prova ta' dak allegat minnhom. L-unika prova li huma ressqu kienet ix-xhieda tagħhom stess. Jissottometti li għalkemm huwa kien għalaq il-ħwienet tiegħu, huwa kien baqa' jagħmel użu mill-fond bl-istess mod billi jaħżen fih il-merkanzija tal-ħwejjeġ. Għalhekk ma kien hemm l-ebda bidla fl-użu tiegħu.

11. Qabelxejn din il-Qorti ser tindirizza s-sottomissjoni magħmula mill-appellat li l-appell għandu jiġi miċħud, u dan stante li hija mhijiex kompetenti bħala qorti ta' reviżjoni li tagħmel apprezzament mill-ġdid tal-provi miġjuba quddiem il-Bord. Tagħraf li llum huwa ben paċifiku fil-ġurisprudenza tal-Qrati tal-appell li huma m'għandhomx jiddisturbaw l-apprezzament tal-provi magħmul minn qorti jew tribunal tal-ewwel istanza. Imma dan jiswa biss sakemm ma tirriżultax raġuni gravi u impellenti li jitolbu l-intervent tal-Qorti sabiex jiġi evitat kull preġudizzju liż-żewġ partijiet. Hekk kif inhu rikonoxxut dan il-prinċipju, il-Qorti ser tgħaddi sabiex teżamina jekk il-Bord setax bil-provi li kellu quddiemu, jasal faċilment u b'mod raġjonevoli għad-deċiżjoni tiegħu.

12. Għal dak li jirrigwarda l-allegat nuqqas ta' użu tal-fond, il-ġurisprudenza tagħna tgħallem li dan jista' jagħti lok għal bdil fid-destinazzjoni ta' dak il-fond. Madankollu ma jonqosx li allegazzjoni bħal din għandha titlob li l-Qorti tgħarbel

sew il-provi miġjuba quddiemha qabel ma tasal u tiddeċiedi fuq il-penali estrema tal-iżgumbrament. Dan proprju għaliex il-prinċipju mhux wieħed assolut u jista' jkun il-każ li tinstab raġuni valida, bħal mard serju, li tkun waslet sabiex l-inkwilin ma jibqax jagħmel l-istess użu frekwenti u regolari mill-fond mikri lilu. Din il-Qorti kellha l-opportunità li tistabbilixxi l-mod kif għandu jiġi adoperat dan il-prinċipju, fis-sentenza tagħha, kif diversament preseduta, fl-ismijiet **Mary Borg *vs.* Invicta Ltd**[1], fejn qalet is-segwenti:

> *"Premessi dawn il-fatti u dawk l-ohra rilevati mill-Bord, huwa ferm pacifiku illi l-premessa tan-non użu hi kawżali sostanzjalment ta' fatt. In fatti huwa prinċipju aċċettat fid-duttrina u fil-ġurisprudenza kopjuża tagħna fuq is-suġġett illi l-kerrej li ma jużax il-post ma jkunx qed jużah skont id-destinazzjoni tiegħu. Dan in bażi għall-insenjament tal-Laurent li "*non si usa della cosa secondo la sua destinazione non usandone". *Ara* ***Kollez. Vol. XXXIV P I p 164; Vol. XXXVI P I p 141 u Vol. XLV P I p 196****;*
>
> *Cionostante din l-affermazzjoni, ġie b'danakollu ammonit illi anqas għandu jiġi minsi dak li wkoll ġie ħafna drabi osservat mill-Qrati tagħna illi l-preċitat prinċipju mhux assolut u ma joperax awtomatikament iżda, f'kull każ, għandhom jitqiesu ċ-ċirkostanzi tiegħu. Hekk ġie deċiż illi "biex in-non użu jammonta għall-użu divers hemm bżonn li jgħaddi tul ta' żmien, valutabbli skont iċ-ċirkostanzi tal-każ, u li jkun voluntarju u mhux determinat minn xi ġustifikazzjoni raġonevoli" ("****Rocco Caruana -vs- Albert Cauchi****",* Appell, 6 ta' Dicembru 1968*). Ingħad in tema illi "l-prinċipju ma japplikax meta jkun hemm ġustifikazzjoni xierqa fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ u partikolarment meta ċ-ċirkostanzi jkunu tali li, inter alia, verosimilment ma jagħtux lok għal dak id-deprezzament li hu abbażi ta' prinċipju" ("****Edmund Spiteri -vs- Dr. Kalcidon Zammit****", Appell, 16 ta' Dicembru 1968;*
>
> *Fl-istess sens ta' dawn l-istess prinċipji huma s-sentenzi fl-ismijiet "****Alfred P. Farrugia nomine -vs- John N. Attard nomine****", Appell, 19 ta' Mejju 1993 u "****Agnes Bezzina -vs- Albert Rizzo****", Appell, 17 ta' Ġunju 1994 fost bosta oħrajn;*
>
> *Sa reċentement din il-Qorti diversament preseduta kellha okkażjoni tispjega illi "l-fatt biss li l-intimat seta' għal xi raġuni jew oħra naqqas xi ftit l-attività kummerċjali tiegħu u allura l-fatt biss illi l-fond ma baqax jiġi użat bl-istess frekwenza, kif kien jintuża preċedentement, ma jammontax għan-non użu fis-sens tal-liġi. Is-sidien rikorrenti*

[1] App. Inf. 96/2002 PS., 01.12.2004.

> *kellhom jissodisfaw lill-Qorti illi l-inkwilin kien effettivament abbanduna l-fond lilu mikri billi ma baqax użah għall-iskop li għalih inkera. Prova din li tiġi newtralizzata jekk l-inkwilin da parti tiegħu jissodisfa l-Qorti li hu baqa' uża l-fond skont il-ħtieġa tan-negozju tiegħu. Dan naturalment salv dejjem li l-Qorti tkun aċċertata, kif inhi fil-każ in eżami, illi l-użu li jikkontendi li jkun qed jagħmel l-inkwilin tal-fond ma jkunx wieħed fittizju biex iservi sempliċement ta' paraventu biex jiġġustifika l-opposizzjoni tiegħu għat-talba tas-sid biex jirriprendi l-pussess tal-fond" – "Carmen Galea et -vs- Edwin Vella", Appell, 24 ta' Marzu 2000; (sottolinear ta' din il-Qorti)*

13. Fid-deċiżjoni tiegħu tat-12 ta' Jannar, 2012 fl-ismijiet **Rosella Vassallo *vs.* Frank Tanti nomine et**, il-Bord, kif saħansitra ċitat minn din il-Qorti, diversament preseduta, fis-sentenza tagħha fl-istess ismijiet tas-6 ta' Diċembru, 2012, fisser tajjeb il-parametri tal-eżerċizzju li għandu jsir sabiex jiġi stabbilit jekk verament l-inkwilin naqas milli jagħmel użu mill-fond mikri lilu:

> *"Il-ġurisprudenza tgħallem illi fl-allegazzjoni ta' nuqqas ta' użu, jeħtieġ illi fl-ewwel lok jinżamm fil-mira l-użu prinċipali tal-fond u jekk, fil-każ li jirriżulta użu infrekwenti, jeħtieġ imbagħad li jkun konsiderat jekk l-użu prinċipali jirrikjedix frekwenza ta' attività u f'każ illi l-inattività tirriżulta, allura jokkorri ikun eżaminat jekk kienx hemm raġuni ġustifikabbli għal dak il-fatt."*

14. Fil-każ odjern jirriżulta lill-Qorti li l-Bord ma ħasibx wisq fit-tul u lanqas fil-fond dwar l-ewwel kawżali li tressqet quddiemu mill-appellanti. Filwaqt li osserva li tali appellanti kienu straħu l-aktar fuq ix-xhieda ta' Elia Borg Bonaci (K.I. 59277M), li jiġi bin l-appellant Elia Borg Bonaci, iddikjara li din ix-xhieda waħedha ma kinitx biżżejjed stante li kienet ġiet miċħuda, kontestata u kontradetta b'mod ċar mill-appellat u minn ibnu.

15. Il-Qorti tgħid li dawn il-konsiderazzjonijiet mhumiex biżżejjed sabiex tiġi sodisfatta l-ħtieġa ta' eżami approfondit tal-provi mressqa mill-partijiet, u

għalhekk f'dawn iċ-ċirkostanzi hija għandha tagħmel evalwazzjoni sħiħa ta' dawk il-provi. Għandu jingħad mill-ewwel li kif sewwa jissottomettu l-appellanti, bil-provi li kellu quddiemu l-Bord kien dovut jistrieħ fuq id-deċiżjonijiet tal-qrati ċitati minnu stess u b'hekk jilqa' t-talbiet tal-appellanti. Iżda minflok din il-Qorti tagħraf li l-Bord għażel li jiskarta l-ammissjoni tal-appellat stess, jiġifieri li huwa kien ilu li waqaf mill-ġestjoni tan-negozju tiegħu kważi għaxar snin ilu mil-lum u kkonsidra li l-prova prinċipali tal-appellanti konsistenti fix-xhieda ta' bin wieħed minnhom ma kinitx biżżejjed sabiex issaħħaħ it-talba tagħhom. Din il-Qorti tgħid li s-sottomissjonijiet magħmula fir-rikors tal-appell intavolat mill-appellanti fir-rigward ta' dak li ntqal mix-xhieda u mill-partijiet stess quddiem il-Bord, huma kollha rilevanti ferm u ma tarax lok għalfejn terġa' tipproduċihom fl-intier tagħhom. Iżda tagħraf il-ħtieġa li jiġi kkunsidrat dak li ntqal mill-appellat stess li għandu jiddetermina l-każ odjern.

16. Tibda biex tgħid li r-risposta tal-appell tiegħu tirrifletti sew il-pożizzjoni meħuda mill-appellat waqt il-proċeduri fl-ewwel istanza u anki hawnhekk. L-appellat isostni li huwa *"... qiegħed jagħmel użu regolari mill-fond inkwistjoni bħala maħżen għall-merce ta' ħwejjeġ u oġġetti oħra konnessi man-negozju li huwa kellu, liema użu huwa l-istess sa mill-bidu tal-kirja inkwistjoni".* Iżda għalkemm huwa qed isostni li l-użu baqa' dejjem l-istess, mill-provi rriżulta b'mod ċar li l-użu li qed jagħmel mill-fond illum u għal dawn l-aħħar kważi għaxar snin m'għadux wieħed hekk regolari u frekwenti kif kien fiż-żmien li n-negozju tiegħu kien għadu ħaj. Hu stess jammetti hawnhekk, kif għamel fix-xhieda tiegħu

quddiem il-Bord, li huwa m'għadux għaddej bin-negozju tiegħu.[2] Anki t-tifel tiegħu Carmel Filletti xehed waqt is-seduta tal-15 ta' Ġunju, 2017 li *"Jiena fin-negozju m'għadnix ukoll"*[3] u kien jidħol fil-fond biex jgħabbi l-merkanzija li kien għad fadlilhom sabiex jeħilsu minnha.[4] Waqt is-seduta tal-21 ta' Marzu, 2016 quddiem il-Bord, l-appellat prodott mill-appellanti xehed li kien ilu nieqes min-negozju għal dawk l-aħħar ħames snin.[5]

17. Ma jidhirx kontestat mill-appellat li l-fond kien inkera lilu minn missier l-appellanti[6] għal skopijiet kummerċjali, proprju bħala *store* sabiex jaħżen il-merkanzija tal-ħwejjeġ li huwa kien ibiegħ minn ħanut fil-Ħamrun. Imma llum mill-istess xhieda tiegħu suċitata, jirriżulta li n-negozju tal-appellat għalaq, imma fil-fond għad baqa' xi merkanzija.[7] L-istess jirriżulta meta l-appellat xehed minn jeddu waqt is-seduta tal-15 ta' Ġunju, 2017.[8]

18. Għalhekk jirriżulta b'mod inekwivoku li l-appellat m'għadux jagħmel użu mill-fond bl-istess mod. Saħansitra it-tifel tiegħu Carmel Filletti waqt is-seduta tal-15 ta' Ġunju, 2017 xehed li fil-fond huwa kien imur biss sabiex jieħu xi merkanzija milli fadal hemmhekk.[9] L-appellat u ibnu t-tnejn isostnu li għadu jsir l-istess użu, jiġifieri li ssir il-ħażna tal-merkanzija, imma l-Qorti ma taqbilx ma' dan. L-użu tal-fond għall-ħażna tal-merkanzija minn dejjem kien marbut man-

[2] Ara konferma waqt ix-xhieda tar-rappreżentant tad-Dipartiment tal-Liċenzji seduta tad-19.11.15 a *fol.* 39 fejn qal li mis-sena 2002 'il hawn, jiġifieri sakemm kienet tmur lura l-informazzjoni miżmuma mid-Dipartiment, l-appellat ma kellu l-ebda liċenzja mal-istess Dipartiment.
[3] *A fol.* 82.
[4] *Ibid.*
[5] *A fol.* 46.
[6] Ara xhieda Salvatore Borg Bonaci waqt is-seduta 24.11.14 paġna sussegwenti *fol.* 18, u anki r-risposta tiegħu quddiem il-Bord.
[7] Ara wkoll xhieda ta' ibnu Carmel Filletti seduta tal-15.06.17, a *fol.* 79.
[8] *A fol.* 75.
[9] *A fol.* 81.

negozju prinċipali tal-appellat, jiġifieri dak tal-ġestjoni ta' ħanut fil-Ħamrun. Ġaladarba dan in-negozju spiċċa, l-użu tal-fond bħala anċillari għan-negozju prinċipali ma jistax jibqa' l-istess. Il-Qorti ma tarax li l-ħażna ta' merkanzija għall-eventwali bejgħ pjuttost ċert tagħha permezz tal-istess negozju, tekwipara għas-sempliċi ħażna ta' dik il-merkanzija fejn ma hemm l-ebda regolarità jew ċertezza fil-bejgħ tagħha. Il-Qorti hawnhekk tosserva li saħansitra l-appellat ma ressaq l-ebda prova li tali merkanzija għadha qiegħda tinbiegħ.

19. Għaldaqstant din il-Qorti tikkunsidra li l-ewwel aggravju tal-appellanti huwa ġustifikat u tilqgħu. Dan filwaqt li ġaladarba tirriżulta raġuni valida sabiex tintemm il-kirja tal-fond, tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-kumplament tal-appell.

__Decide__

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellanti billi tilqgħu u b'hekk tħassar is-sentenza appellata, filwaqt li tilqa' t-talbiet kollha tal-appellanti u tiffissa żmien qasir u perentorju ta' xahrejn sabiex l-appellat jiżgombra mill-fond inkwistjoni.**

**L-ispejjeż taż-żewġ istanzi jitħallsu kollha mill-appellat.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**